# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-23 TA' FRAR, 2023**

**Kawza Numru: 6**

**Rik. Ġur. 8/2023 RGM**

**Carmela Cilia**

**Vs**

**Alfred Zammit u martu Antoinette Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza mogħtija bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-**Artikolu 167 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari.**

2. B'rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Jannar, 2023 l-attriċi Carmela Cilia talbet lill-Qorti:

i. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors skond il-proċedura poreskritta fl-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12;

ii. Tikkundanna lill-konvenuti Alfred Zammit u martu Antoinette Zammit iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €32,560 rappreżentanti self li sar lilhom fi tlett okkażżjonijiet flimkien mal-imgħax kalkolat sal-aħħar ta' Diċembru, 2016 in kwantu s-self ta' €27,000 u sal-aħħar ta' Marzu, 2015 in kwantu s-self ta' €3,000, dati ta' meta qed jiġi meqjus li kellu jsir il-ħlas tas-self, oltre l-imgħaxijiet dekorribbli minn dawn id-dati sad-data tal-pagament effettiv.

iii. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-18 ta' Settembru, 2019 u tat-30 ta' Ottubru, 2020.

3. B'digriet tal-10 ta' Jannar, 2023 il-Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex jidhru quddiemha fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023 b'avviż lill-konvenuti illi jekk jonqsu milli jidhru l-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi.

4. Fl-20 ta' Jannar, 2023 l-atti indirizzati liż-żewġ konvenuti fl-istess indirizz ġew notifikati f'idejn il-konvenuta Antoinette Zammit minn marixxal tal-qorti u għalhekk fit-termini tal-**Artikolu 169A tal-Kap. 12** li jrid illi fi proċeduri bħal dawn l-atti jiġu notifikati minn uffiċjal eżekutur tal-qrati. Id-data li fiha ġew imsejjħa jidhru l-konvenuti tissodisfa t-termini tal-**Artikolu 169 tal-Kap. 12** li jrid illi d-data li fiha jiġu msejjħa li jidhru l-konvenuti m'għandiex taħbat aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifikat.

5. Meta ssejħet il-kawża fil-ħin tagħha fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2023 deheru biss l-attriċi u l-avukat tal-fiduċja tagħha. Ħadd mill-konvenuti ma deher. Irriżulta wkoll mill-atti illi ħadd mill-konvenuti ma ppreżenta nota sabiex jikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri fit-termini tal-**Artikolu 170 (1) tal-Kap. 12**.

6. F'dik is-seduta l-Qorti semgħat lill-attriċi tikkonferma bil-ġurament tagħha illi kemm ilha ntavolata l-kawża l-konvenuti ma ħallsuha xejn.

7. Rat l-atti.

8. Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

9. Illi fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi ddikjarat illi l-konvenuti ma għandhom l-ebda eċċezzjoni valida fil-liġi xi jressqu kontra t-talbiet tagħha.

10. Illi permezz tal-affidavit tal-attriċi u l-provi dokumentarji annessi mar-rikors promotur jirriżulta sodisfaċentement illi l-ammont reklamat mill-attriċi jirrappreżenta dejn ċert, likwidu u li għalaq fit-termini tal-Artikolu 167 (1) (a) tal-Kap. 12.

11. Illi skond Artikolu 170 tal-Kap. 12 jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi il-qorti għandha tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuti,

1. **Tilqa'** l-ewwel talba, tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. **Tilqa'** t-tieni talba, tikkundanna lill-konvenuti Alfred Zammit u Antoinette Zammit iħallsu lill-attriċi Carmela Cilia s-somma ta' tnejn

u tletin elf, ħames mija u sittin ewro (€32,560) rappreżentanti self ta' flus li sar mill-attriċi lill-konvenuti;

3. Bl-imgħax legali kif mitlub.

4. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

23 ta' Frar, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**